MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 922/2008

**Learnkey Limited**
**C24652**

**vs**

**McLean M' Grace (ID336358-M),**
**McLean Joseph (ID827052-M), u**
**McLean Rachel (ID354990-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ddikjarat illi s-socjeta' attrici tforni diversi servizzi ta' taghlim u ta' stharrig f'numru ta' dixxiplini; illi l-konvenuta Rachel McLean, bint il-konvenuti l-ohra, fis-sena 2006, kienet applikat sabiex tibda tattendi kors offrut mis-socjeta' attrici; illi qabel ma kien beda l-kors ta' stharrig fid-dixxiplina selezzjonata mill-konvenuta, din kienet dahlet fi ftehim appozitu intitolat *Learn Key Training Institution – Agreement & Regulations* (Dok:'LK1' anness) fejn kien hemm stabbiliti l-obbligazzjoni u dmirijiet tal-partijiet rispettivi; illi l-kors *de quo* kien mifrux fuq perjodu ta'

sentejn u kien jammonta tlett elef, tlett mija u erbgha u hamsin Ewro u tletin ghal €3,354.30c (Lm1,440.00); illi f'dan l-imsemmi ftehim hemm precizat (a pagna-6 ta' l-istess) illi fl-eventwalita' li student jieqaf jattendi l-kors qabel ma jiddekorri l-perjodu prefiss ta' sentejn, l-istess student ghandu l-obbligu li jhallas il-kors intier u dan ghax dak l-istudent ikun ha l-post ta' potenzjali student iehor ghaz-zewg snin imsemmija; illi tali klawsola giet debitament moqrija u spjegata lill-konvenuti Rachel u Grace McLean, u huma volontarjament u liberament appendew il-firma taghhom bl-intenzjoni li jintrabtu b'tali ftehim, sabiex il-konvenuta Rachel McLean tibda tattendi l-kors u/jew dixxiplina minnha maghzul/a; illi dakinhar l-ispjega ta' tali klawsola u l-konsegwenzi taghha saret lill-konvenuta, Rachel McLean, fil-presenza ta' genitur taghha, u dan hekk kif jidher mill-ahhar faccata tal-ftehim hawn anness fejn hemm addirittura l-firma ta' l-istess genitur tal-konvenuta; illi ghalkemm il-konvenuta, Rachel McLean, ntrabtet illi tibda tattendi l-kors fid-dixxiplina minnha maghzula, din ma ghamlitx hekk u dan minghajr ebda spjegazzjoni; illi ghalhekk skattat l-operativita' ta' l-imsemmija klawsola; illi ghalkemm imsejjha u interpellata, kemm tramite ittri legali u b'ittra ufficjali (Dok.'LK2' anness), il-konvenuti baqghu inadempjenti u b'hekk is-somma fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u hamsin Ewro u tletin €3,354.30c (ekwivalenti ghal Lm1,440.00) ghadha pendenti u dovuta mill-konvenuti; illi ghalhekk jghidu ghaliex il-konvenuti m'ghandux dan it-Tribunal (i) jiddikjara l-konvenuti *in solidum* debituri versu s-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u hamsin Ewro u tletin €3,354.30c (ekwivalenti ghal Lm1,440.00), u (ii) jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont appena indikat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Mejju, 2008 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-prezenti Avviz tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuta Rachel McLean ma setghatx tkompli dan il-kors, ghal ragunijiet vaidi skond il-ligi u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici. Minghajr pregudizzju ghal dak fuq suespost, il-konvenuta Rachel McLean kienet waqfet minn dan il-kors ta' sentejn fi stadju bikri hafna u ghaldaqstant ma kienetx hadet il-post ta' student potenzjal iehor.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u hamsin Ewro u tletin (€3,354.30c), liema ammont jirraprezenta valur ta' kors ta' taghlim u stharrig illi l-konvenuta Rachel McLean kienet applikat ghalih. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi ghalkemm l-imsemmija studenta rregistrat ghall-kors, hallset id-depozitu, nghatat il-kotba relatati mal-istudji taghha, u anke nghatat uniformi, l-istess studenta waqfet milli tattendi ghal dan il-kors ftit jiem biss wara li bdiet dan il-kors, u dan minghajr ebda raguni valida. Illi l-istess rapprezentant jghamel referenza ghall-ftehim li gie ffirmat mill-istess konvenuta, li dak iz-zmien kienet ghadha minuri, u ffirmat ukoll minn ommha datat 18 ta' Settembru 2007, u aktar specifikament ghal dik il-klawsola fl-istess skrittura fejn hemm indikat illi kemm-il darba student ikun jixtieq jittermina l-kors ta' studju qabel l-eghluq tal-perjodu ta' sentejn - li huwa l-perjodu li fih ghandhom jigu kompletati l-istudji - allura ghandu jithallas l-ammont intier dovut ghall-kors. Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi hu kien ikkomunika ma' missier il-konvenuta, meta din ma baqghetx tattendi ghall-kors, sabiex jivverifika dwar x'kienet ir-raguni ghal tali nuqqas ta' attendenza, u l-konvenut kien informah illi bintu kienet tilfet l-interess, u li ghalhekk ma kienitx ser tipprosegwi b'dan il-kors.

Illi l-istess rapprezentanti tas-socjeta' attrici ddikjaraw illi kien sar inkontru mal-konvenuta u missierha meta marru fl-ufficini tas-socjeta' attrici sabiex jitolbu informazzjoni in rigward il-kors, f'liema okkazjoni giet sottomessa l-applikazzjoni sabiex il-konvenuta tibda tattendi l-kors (a fol.39), u anke thallas id-depozitu (a fol.40), u sussegwentement, il-konvenuta – flimkien ma' studenti ohra li kienu wkoll applikaw ghall-kors – attendiet ghal-laqgha ohra li nzammet fit-18 ta' Settembru 2007, f'liema laqgha l-istess konvenuta ffirmat l-iskrittura li kopja taghha tinsab a fol.4 *et seq.* tal-atti, u nghatat diversi kotba u l-uniformi, li ghalihom gie

mwettaq hlas ta’ depozitu iehor (a fol.43 u 44). Ghal din il-laqgha kienet ukoll prezenti omm il-konvenuta, li wkoll iffirmat l-iskrittura relattiva. Illi l-istess rapprezentanti ddikjaraw illi huma spjegaw il-kontenut tal-ftehim li kien ser jigi ffirmat, oltre li pprovdew informazzjoni generali dwar il-kors li l-istudenti kienu ser jibdew.

Illi da parti taghhom, il-konvenuti kkonfermaw illi huwa minnu illi l-konvenuta Rachel McLean applikat ghall-kors in kwistjoni, u li ghall-ewwel laqgha li nzammet fl-ufficini tas-socjeta’ attrici kien attenda missier il-konvenuta maghha, filwaqt illi ghal dik aktar generali, u cioe’ t-tieni laqgha, attendiet il-konvenuta Mary Grace McLean, omm il-konvenuta maghha. Illi l-konvenuti jiddikjaraw illi ma nghatawx spjegazzjoni adegwata dwar il-kontenut tal-ftehim li kien ser jigi ffirmat, oltre l-fatt illi dan l-istess ftehim inghata lilhom fil-bidu tal-laqgha, u kien mistenni minnhom li jiffamiljarizzaw ruhhom mieghu tul dik l-istess laqgha. Illi gie dikjarat mill-konvenut u bintu illi fl-ewwel laqgha li kellhom mad-direttur tas-socjeta’ attrici, huma staqsewh dwar f’liema eventwalitajiet seta’ ma jitkompliex il-kors, u huma gew informati illi f’kazijiet straordinarji, bhal per ezempju kazijiet ta’ mard serju jew tqala’, allura l-istudent seta’ jigi ezentat milli jkompli bl-imsemmi kors. Illi l-konvenuti ddikjaraw illi meta Rachel McLean bdiet il-kors, hi bdiet turi sinjali ta’ kambjament fl-atteggjament taghha, partikolarment fis-sens illi kienet tidher frustrata u imdejqa, tant illi wara li hadu parir mediku, iddecidew illi kellha tieqaf minn dan il-kors. Illi dwar dan avzaw lir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici, wara li dawn ikkomunikaw maghhom sabiex jivverifikaw x’kienet ir-raguni ghalfejn Rachel McLean ma baqghetx tattendi ghall-kors. Illi l-konvenuti ressqu wkoll bhala xhud taghhom lit-Tabib tal-familja, li ddikjara li meta nvista lil Rachel McLean irrizultalu illi l-konvenuta kienet qedha ssofri minn *severe anxiety*, u attribwixxa din l-ansjeta’ ghall-fatt illi l-konvenuta kienet qed tattendi dan il-kors ghaliex dak kien il-kambjament sostanzjali li kienet esperjenzat l-istess konvenuta fiz-zmien meta bdiet tigi affetta minn din il-kundizzjoni. Illi kien f’dan il-kuntest illi rrilaxxja c-certifikat mediku, li kopja tieghu tinsab a fol.62 tal-atti, fejn irrakkomanda illi l-konvenuta ma tibqax tattendi l-kors in kwistjoni.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi li gew imressqa mill-partijiet irrizultaw is-segwenti fatti, u cioe’ illi Rachel McLean applikat ghall-kors ta’ taghlim mhejji mis-socjeta’ attrici, u meta rregistrat ghal dan il-kors, gie mwettaq hlas bhala depozitu akkont tal-prezz dovut ghal dan il-kors. Illi

eventwalment l-istess Rachel McLean, flimkien mal-konvenuta l-ohra li hija ommha, attendiet ghal-laqgha ta’ familjarizazzjoni li giet imhejjija mis-socjeta’ attrici ghal dawk l-istudenti li kienu rregistraw ghal kors, u f’din l-okkazjoni, l-istess Rachel McLean inghatat l-uniformi – li kienet giet ippreparata ghal kull student individwalment (*made to measure*) qabel din il-laqgha – kif ukoll inghatat il-kotba, jew ahjar gew mislufa lilha, illi kienu ser jintuzaw tul is-sena skolastika, u thallas depozitu ulterjuri in rigward. Illi rrizulta wkoll illi effettivament Rachel McLean bdiet tattendi ghal dan il-kors, izda ftit tal-jiem wara – f’dan ir-rigward is-socjeta’ attrici ddikjarat li kien wara tliet-(3) ijiem, filwaqt illi l-konvenuta tghid illi kienu sitta-(6) – l-istess konvenuta Rachel McLean ma baqghetx tattendi ghal dan il-kors. Illi kien biss wara li d-dirigenti tas-socjeta’ attrici ghamlu kuntatt mal-konvenuti, ossia mal-genituri ta’ Rachel McLean, illi rrizultalhom illi Rachel McLean ma kienitx ser tkompli tattendi ghall-kors, u filwaqt illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara li r-raguni li nghata mill-konvenut kienet fis-sens illi l-konvenuta ma kienitx ser tkompli l-kors ghaliex tilfet l-interess, il-konvenuti jikkontendu illi r-raguni kienet wahda ta’ natura medika, in kwantu t-tifla kienet ghaddejja minn fazi ta’ ansjeta’ severa – rizultat tal-attendenza taghha ghal dan il-kors – illi kien jirrendi impossibbli li l-istess konvenuta tkompli tattendi ghal dan il-kors.

Illi s-socjeta’ attrici qed tipproponi din l-azzjoni in bazi tal-principju legali *pacta sunt servanda* in kwantu l-konvenuti ffirmaw skrittura privata datata 18 ta’ Settembru 2007, li in bazi taghha l-istess konvenuti assumew diversi obbligi, fosthom illi jwettqu hlas ghall-kumplament tal-kors fl-eventwalita’ illi l-konvenuta Rachel McLean ma tkomplix bl-istudji taghha tul is-sentejn intizi ghat-twettiq u kompletar ta’ dan il-kors. Illi l-konvenuti, da parti taghhom jikkontendu illi huma ma kienux sufficjentement edotti mill-kundizzjonijiet stipulati f’din l-iskrittura, oltre illi wara li giet iffirmata l-iskrittura in kwistjoni, irrizulta impediment legittimu li rrenda impossibbli l-ezekuzzjoni tal-obbligi asunti mill-konvenuti rizultanti minn dak il-ftehim.

Illi dwar l-ewwel linja difenzjonali tal-konvenuti, u cioe’ illi ma giex spjegat lilhom adegwatament x’kien mistenni minnhom, partikolarment f’dak li jirrigwarda twettiq tal-hlas ghall-kors anke fl-eventwalita’ illi l-konvenuta ma tikkompletax il-kors, it-Tribunal iqis tali difiza bhala mhux wahda gustifikata, partikolarment fid-dawl ta’ dak li gie dikjarat mill-konvenut u bintu fl-affidavit taghhom stess, fejn huma ddikjaraw illi staqsew lid-direttur tas-

socjeta' attrici " *... x'kien jigri f'kaz li xi hadd jimrad jew ma jkunx jista' jkompli l-kors*[1]." Illi l-fatt illi l-istess konvenut pogga din il-mistoqsija lir-rapprezentat tas-socjeta' attrici jindika illi huma gew informati f'dak l-istadju bikri tad-diskussjoni illi kien ser ikun dovut il-hlas ghall-kors kollu, anke jekk wiehed jieqaf mill-istudji, u kien qed jigi mistoqsi jekk kienx hemm ragunijiet validi ta' eskluzjoni minn dan l-obbligu. Illi tant huwa hekk, illi ghalkemm tali raguni ghal deroga mill-hlas ma tirrizultax specifikament mill-iskrittura, kienet precizament din ir-raguni medika li giet sollevata mill-konvenuti sabiex ma jwettqux l-obbligi taghhom tal-hlas. Illi dan jindika illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenuti, kien gie debitament puntwalizzat u specifikat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici illi l-hlas ghall-kors kollu kien ser ikun dovut, anke jekk student jieqaf milli jikkompletah. Illi ghalhekk m'hix attendibbli l-allegazzjoni sollevata mill-konvenuti illi huma ma kienux konsapevoli, u addirittura ma fehmux x'kien hemm riportat fl-iskrittura, partikolarment f'dik il-parti tal-iskrittura intestata *Other General Information*.

Illi in rigward it-tieni linja difenzjonali tal-konvenuti, u cioe' li rrizultat raguni valida u legittima sabiex l-istess konvenuti jinhallu mill-obbligi assunti minnhom naxxenti mill-iskrittura in kwistjoni, jkun opportun li jigi rilevat illi l-konvenuti, *di sento*, ma hadu ebda azzjoni sabiex ihassru u jimpunjaw dan il-ftehim, u kien biss meta s-socjeta' attrici hadet azzjoni sabiex tottjeni il-hlas minghandhom illi huma ssollevaw tali gustifikazzjoni. Illi kif gie rilevat mis-socjeta' attrici fis-sottomissjonijiet taghha, minkejja l-varji interpellazzjonijiet ghall-hlas li saru mill-istess socjeta' attrici, il-konvenuti qatt ma taw ebda indikazzjoni, u wisq inqas ebda raguni ghalfejn it-talba ghall-hlas tas-socjeta' attrici ma kienitx meritata u gustifikata. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi l-konvenuti unilateralment u arbitrajament ddecidew illi kienu jezistu ragunijiet validi u sufficjenti sabiex ma jibqghux marbuta bl-obbligi assunti minnhom, u konsegwentement ittraskuraw u skartaw l-obbligi taghhom minghajr ma avvicinaw lis-socjeta' attrici sabiex jintlahaq xi forma ta' arrangament dwar kif setghu jinhallu minn tali ftehim. Illi gialadarba l-ftehim ma giex rexiss u revokat bi qbil bejn il-partijiet, l-konvenuti ma jistghux jikkunsidraw ruhhom rilaxxjati mill-obbligi taghhom. Dwar jekk il-konvenuti kienux gustifikati li ma jwettqux il-hlas, in kwantu l-konvenuta Rachel McLean ma setatax tkompli bl-istudji taghha minhabba ragunijiet medici, jigi rilevat illi mill-provi mressqa mill-konvenuti, ma rrizultawx cirkostanzi li jiggustifikaw u

[1] Affidavit ta' Joseph McLean, a fol. 50 tal-atti. Fl-affidavit ta' Rachel McLean, a fol. 52 tal-atti, hem imnizzel kif gej: "*Nghid ukoll li missieri kien staqsieh diversi domandi, fosthom dwar il-lingwa li kienet ser tintuza fil-lezzjonijiet, kif ukoll x'kien jigri f'kaz li xi had jimrad jew ma jistghax ikompli l-kors.*"

li ssostanzjaw tali allegazzjoni, partikolarment fid-dawl tad-deposizzjoni ta' Rachel McLean, meta in kontro-ezami elaborat fuq ir-ragunijiet li allegatament kkagunawlha u wassluha ghal stat ta' "ansjeta' severa", kif gie certifikat mit-Tabib tal-familja. Illi applikat l-insenjament tal-Qrati taghna ghall-kaz in ezami illi sabiex debitur ikun ezonerat mill-obbligi tieghu jehtieg illi jirrizultaw cirkostanzi "*...gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tieghu, li jpogguh fl-impossibilita' illi jissodisfa l-obbligi kontrattwali assunti minnu...*", it-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba ma rrizultawx tali cirkostanzi estremi, allura tali linja difenzjonali ma tistax tirnexxi.

Illi f'dak li jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u erbgha u hamsin Ewro u tletin (€3,354.30), liema ammont jirraprezenta l-prezz intier tal-kors, jehtieg illi jigu rilevati s-segwenti punti: Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-konvenuti wettqu hlas tal-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50), ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c), in linea ta' depozitu, liema ammont jehtieg illi jigi mnaqqas mill-ammont dovut, kemm-il darba dan kien akkont il-prezz miftiehem. Illi oltre dan, u ai termini tal-iskrittura li giet iffirmata mill-konvenuti datata 18 ta' Settembru 2007, il-hlas ta' din is-somma kellu jigi mwettaq ratealment, permezz ta' pagamenti mensili ta' tmenin lira Maltin (Lm80), ekwivalenti ghal mija sitta u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€186.32c), bejn Ottubru 2007 sa Gunju 2008 u bejn Ottubru 2008 sa Gunju 2009, jew altrimenti permezz ta' pagamenti mensili ta' sittin lira Maltin (Lm60), ekwivalenti ghal mija disgha u tletin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€139.74c) bejn Ottubru 2007 sa Settembru 2009. Illi mill-kopja tal-iskrittura li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici ma jirrizultax liema wahda minn dawn iz-zewg alternattivi ghazlu l-konvenuti bhala sistema ta' hlas. Illi ghalkemm bhala stat ta' fatt irrizulta illi l-konvenuta Rachel McLean ma komplietx bl-istudji taghha, u ghalhekk is-socjeta' attrici kienet intitolata li titlob il-hlas ghall-kors, madanakollu, fiz-zmien meta giet proposta l-azzjoni mis-socjeta' attrici – u cioe' fil-25 ta' Novembru 2008 – is-sentejn relattivi ghall-kompletar tal-kors kienu ghadhom ma ghaddewx. Illi ai termini tal-iskeda ta' hlas rizultanti mill-istess skrittura, tali zmien kien jiskadi f'Gunju 2009 jew f'Settembru 2009, skond liema modalita' ta' hlas ghazlu l-konvenuti. Illi ghalkemm fl-istess skrittura hemm stipulat illi l-prezz kollu tal-kors ikun dovut kemm-il darba student ma jikkompletax l-istudji tieghu, madanakollu, m'hemmx specifikat illi d-debitur jitlef il-beneficcju tat-terminu mghoti lilu ghat-twettiq tal-hlas, u ghalkemm huwa ferm improbabbli illi l-konvenuta Rachel McLean kien ser ikollha ripensament u tkompli b'dan il-kors tul is-sentejn in kwistjoni, madanakollu, tali possibilita'

ma setatx tigi eskluza. Illi ghalhekk meta s-socjeta’ attrici pprocediet bl-azzjoni taghha fil-konfront tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma intiera f’Novembru 2008, meta l-perjodu ta’ sentejn ghall-kompletar tal-kors kien ghadu ma ddekorrix, allura fil-fehma tat-Tribunal tali stat ta’ fatt iwassal sabiex din l-azzjoni giet proposta intempestivament, in kwantu qed jintalab hlas tal-prezz intier.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi gialadarba s-socjeta’ attrici pprocediet b’din l-azzjoni qabel ma ddekkorew is-sentejn, allura in bazi ta’ ekwita’, il-konvenuti ghandhom jigu tenuti li jwettqu hlas sal-perjodu meta tali azzjoni giet proposta. Illi applikati l-modalitajiet ta’ hlas stipulati fl-iskrittura, l-ammont li s-socjeta’ attrici kienet tkun intitolata ghalih sa Novembru 2008 , meta giet proposta l-azzjoni, huwa ta’ tmien mija u tmenin lira Maltin (Lm880), ekwivalenti ghal elfejn, disgha u erbghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€2,049.85), f’kaz li tigi applikata r-rata ta’ Lm 80 fix-xahar, jew tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm840), ekwivalenti ghal elf, disa’ mija sitta u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmu (€1,956.67c) f’kaz li tigi applikata r-rata ta’ Lm60 fix-xahar. Illi t-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* jillikwida s-somma ta’ elfejn Euro (€2,000) bhala pagabbli mill-konvenuti *in solidum* bejniethom lis-socjeta’ attrici, in linea ta’ hlas ghall-kors li applikat ghalih il-konvenuta Rachel McLean, kif rizultanti mill-iskrittura datata 18 ta’ Settembru 2007.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa’ *in parte* t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn Euro (€2,000.00), bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------